**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA**

**15 ta' Frar, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**8.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

8.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 7 u l-minuti tal-laqgħa annwali ġew apporvati.

8.1.2 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat mill-pulizija fuq il-kwistjoni taċ-ċint tas-sejjieħ li hemm nofsu imwaqqa fi Triq San Martin. Minn informazzjoni li għandu l-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet, iċ-ċint hu tal-privat. Minn informazzjoni li għandha l-pulizija u l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra dan iċ-ċint hu tas-Sur Salvu Zammit imma din il-persuna qed tinnega.

Il-Kumitat Amministrattiv qabel li l-każ għandu jitħalla f'idejn il-pulizija.

8.2.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li fir-rigward ta' punt 7.2.2 li titkellem fuq iċ-ċerimonja tal-għoti ta' fondi biex tittella' attivita' kulturali, fil-laqgħa kien intqal mis-Segretarju Eżekuttiv u miċ-Chairperson li għal tali attivitaji jkunu mistiedna s-Segretarju Eżekuttiv u ċ-Chairperson/Sindku skond il-każ. Filfatt hi żieded tgħid li meta wverifikat ġiet infurmata li f'dawn l-attivitajiet jkun mistieden il-Kumitat kollu.

8.2.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ssuġġeriet li wara li saru diversi mistoqsijiet mir-resident ta' Triq Dun Nard Mallia jekk it-triq kienetx ser issir kollha jew le bit-tarmakk, il-Kumitat għandu jikteb ittra lir-residenti kollha ta' din it-triq fejn jinfurmhom li l-informazzjoni li dejjem kellu l-Kumitat kienet li ser issir parti minnha biss (dik il-parti li kienet bla wiċċ).

Il-membru Joseph D'Amato qal li waqt laqgħa li l-Kunsill kellu ma' uffiċċjali tat-TM fosthom il-Perita Emm Delia, Daniel Cordina, Jonatthan Vella u David Vassallo flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Joseph D'Amato stess u l-Perit tal-Kunsill Anthony Bezzina ġew infurmati li Triq Dun Nard Mallia kellha ssir kollha. Il-minuti ta' din il-laqgħa saru ukoll.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lir-residenti u jiġi ċċekjat mat-TM kemm hi l-garanzija fuq ix-xogħol li sar.

## *8.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

8.2.1 Iċ-Chairperson qal li llum il-Kumitat Amministrattiv irċieva stedina biex jattendi għall-ċerimonja biex jingħataw id-donazzjonijiet li kienu inġabru f'isem il-Community Chest Fund.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li għall-istendina jattendu l-Viċi Chairperson Maria Schembru u l-membru Annetto Bugeja peress li kienu huma li ħarġu bl-inizjattiva u ħadmu għaliha.

Kien hemm qbil fuq dan.

8.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa lill-membru Joseph D'Amato fuq is-sitwazzjoni tal-proġetti tal-ġonna li ser jagħmel il-Kunsill fi Triq l-Iskulturi Fabri u ta' Triq il-Qiegħa.

Il-membru Joseph D'Amato, qal li fuq il-ġnien ta' Triq l-Iskulturi Fabri, il-perit tal-Kunsill għamel stima tal-ġonna u t-tenders irriżultaw li l-ispiża ġejja ħafna aktar ogħla mill-istima. Il-kuntratt mal-UIF keelu jiġi rivedut u iffirmat mil-ġdid. Ġie approvat ix-xogħol ta' ġnien fi Triq l-Iskulturi Fabri u kif jiġi ffirmat il-kuntratt jista jibda x-xogħol. Il-Perit Anthony Bezzina għandu jagħti l-informazzjoni meħtieġa lill-Perit Graziella Galea tat-TM (re servizzi).

8.2.3 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti li Triq San Bastjan u parti minn Triq Dun Nard Mallia tlesta.

*8.3 Attivita' Kulturali – 29 ta' Mejju, 2011*

8.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li b'referenza għall-Memo 95/2010 – Għotja ta' fondi biex issir attivita' Kulturali , il-Kumitat ser jieħu 2,000 Euro għall-attivita' li ser jorganizza bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina li kienet stamata li ser tiswa 8,552.74Euro. Meta tkellem ma' membri tal-Kumitat tas-Soċjeta' ġie infurmat li s-Soċjeta' aċċettat imma talbet aktar għajnuna finanzjarja mill-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv iħallas għas-servizz u permessi tal-pulizija, għall-kiri ta' mobile toilets u kiri ta' siġġijiet.

Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li f'seduta oħra jiġi mistieden il-kumitat tas-Soċjeta' biex isir ċertu ftehim. Kien hemm qbil fuq dan.

*8.4 Ilmenti*

8.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinata minn persuna fejn talbet biex issir reserved parking quddiem ir-residenza tagħha minħabba li għandha persuna b'diżabilita fil-familja tgħha. Ser jiġi avviċinat membru ta' din il-familja

biex jiċċekja s-sitwazzjoni.

8.4.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kien hemm ċertu problemi fuq iż-zebra crossing li kienu qed isiru fi Vjal l-Indipendenza. Dik ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin kienet ta' ostaklu għax biha kien qed jidħol l-ilma tax-xita fid-djar tal-viċin.

Fuq iż-zebra crossing ta' Vjal l-Indiepndenza k/m Triq l-Isqof Alpheran, kienet ġejjha eżatt quddiem garaxx ta' residenza li ser tinbena fi żmien qasir. Il-Perit Bezzina għandu jsib soluzzjoni għalihom it-tnejn.

8.4.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-membri li dawk li jiġihom il-ħsieb ta' attivita' għal żmien l-Għid – iressaqhom f'seduta oħra.

8.4.4 Kien hemm qbil li l-Kumitat jitlob kwotazzjoni għal żewġ A4 folded f'A5 biex jitqassmu bieb bieb fid-djar ta' Bubaqra(jammontaw għal 1,000 kopja).

8.4.5 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li l-Bring in Sites qed ikunu dejjem mimlijien u ilhom ġimgħa ma jidbattlu.
Kien hemm qbil li s-sit li hemm fi Triq l-Iskulturi Fabri jiċċaqlaq għal fejn iċ-ċimiterju biex ma tkunx ta' ostaklu għall-proġett.

8.4.6 Iċ-Chairperson issuġġerixxa li ssir mera fi Triq Fortunato Dalli fil-parti ta' fuq fejn hemm kisra kerha. Kien hemm qbil fuq dan.

8.4.5 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jsir dan ix-xogħol:
bankini : quddiem 10 Triq San Iljun u fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Fortunato Dalli.
Patching : Fi Triq Marria Farrug. Dan ix-xogħol għandu jsir aħjar milli qed isir bħalissa u l-Perit għandu jkun avżat.

Kien hemm qbil fuq dan.

8.4.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li ġie avviċinat minn persuni li qalulu li qed joqgħod ħafna ilma fi Triq San Iljun. Kien hemm qbil li ma jsirx ix-xogħol mitlub minħabba l'ispiża kbira li

teħtieġ.

8.4.7 Il-membru Joseph D'Amato qal li fejn ikun hemm il-bżonn li jsir patching għandu jsir mill-ewwel minħabba l-perikli.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *8.5 Appuntament għas-seduta li jmiss*

8.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

8.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**